MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 62/2003

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' Ottubru, 2003 .**

**Citazzjoni numru : 62/2003 G1(PC)**

Flock Hatchers Co Ltd .

VS

F.M. Poultry Ltd .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' hamest elef mitejn disgha u disghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm 5299.43) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' flieles tat-tigieg lilha konsenjati u mhux imhallsa kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dokument A ;

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas izda baqghet inadempjenti ; u

Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talbiet attrici .

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ;

Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef mitejn disgha u disghin lira maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm 5299.43c) .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Nicolai Balzan ghan-nom taghha .

Rat ukoll id-dokument 'A' esebit ma' l-istess citazzjoni, liema dokument huwa prospett tal-15 ta' Mejju, 2003, u jirrifletti l-pagamenti dovuti skond kif mitlub fic-citazzjoni mis-socjeta' attrici, u bhala dokument 'B' affidavit ta' l-imsemmi Nicolai Balzan f'isem is-socjeta' attrici .

Innutat ukoll illi s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata b'din il-kawza kif ukoll bil-mozzjoni ta' l-appuntament ta' l-istess kawza permezz ta' riferta li ggib d-data tat-22 ta' Lulju, 2003 .

Innutat ukoll illi fl-udjenza tal-lum hadd ma deher sabiex jidher ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ghal din l-udjenza .

Il-Qorti ghalhekk, u peress illi din il-kawza bil-giljottina, u jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas s-somma ta' hamest elef, mitejn u disgha u disghin lira maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm5299.43), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' flieles tat-tigieg lilha kkonsenjati u mhux imhallsa .

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra s-socjeta' konvenuta .

S6203Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------